MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-5 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 999/2002

**Adrian Ferriggi.**

**-vs-**

**Vincent Spiteri.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fl-4 ta' Settembru, 2002 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi fit-13 ta' Jannar, 2001 f'Marsascala sehh incident fejn il-konvenut agredixxa lill-attur billi tah daqqa ta' flixkun.

U illi konsegwenza ta' dan l-incident l-attur sofra sfregju ta' natura permanenti fuq wiccu u qieghed isofri minn disabilita' ta' natura permanenti.

U illi l-imsemmi incident sehh unikament tort tal-konvenut u dana minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti da parti tal-istess konvenut.

U illi ghalkemm il-konvenut giet debitament interpellat sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u eventwali hlas ta' danni mill-attur, il-konvenut baqa' inadfempjenti.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. Tiddikjara lill-konvenut bhala unikament rispoinsabbli ghall-incident li sehh nhar it-13 ta' Jannar, 2001 fejn weggha l-attur u dana minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti da parti tal-istess konvenut.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma hekk likwidata lill-attur.

Bl-ispejjez u bl-imghax u l-konvenut minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut ma ppresentax nota tal-eccezzjonijiet u kwindi hu kontumaci skond il-ligi.

Rat l-atti processwali kompriz ir-rapport mediku ta' Dottor Joseph Briffa debitament ikkonfermat minnu fis-seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2006.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2006 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta ta' llum wara li semghet lill-Avukat tal-attur.

Ikkunsidrat;

Illi fir-rigward tar-responsabilita’ ta’ l-incident in kwistjoni, ghalkemm il-konvenut huwa kontumacji, ma hemm ebda ammissjoni u kwindi l-Qorti ukoll trid tiddeciedi dwarha. Madankollu ma hemm bzonn ebda indagini kbira biex jigi stabbilit li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident. Infatti kif anke kkonfermat mir-rapport tal-Pulizija u x-xhieda tal-Ispettur Marisa Camilleri u d-dokumenti esebiti minnha, il-konvenut ammetta fil-presenza tal-Pulizija li huwa kien ta daqqa ta’ flixkun lill-attur, u ma jidher li kien hemm ebda provokazzjoni jew xi cirkostanzi ohra illi b’xi mod jistghu jiskuzaw lill-konvenut.

Stabbilita din il-kwistjoni, irid allura jigi deciz l-ammont ta’ danni li ghandhom jigu akkordati lill-attur in segwitu ghall-incident stradali msemmi. Dan il-Qorti se taghmlu fuq l-iskorta tad-diversi sentenzi li nghataw mill-Qrati taghna in segwita tas-sentenza <u>Butler vs Heard</u> fl-1967.

L-attur qed jirreklama *lucrum cessans*. Kif jidher mic-certifikat rilaxxat minn Dr. Briffa huwa qed isofri disabilta’ permanenti ta’ sitta fil-mija (6%) u kellu sbatax (17) il-sena meta gara l-incident. Ghalhekk il-Qorti se tapplika l-*multiplier* diversi drabi ritenut massimu ta’ tletin sena. Ghandu paga ta’ circa tmenin Lira Maltin (Lm80) fil-gimgha – ghalhekk erbat elef Lira Maltin (Lm4,000) fis-sena.

Ghalhekk sitta fil-mija (6%) ta’ erbat elef Lira Maltin (Lm4,000) ghal tletin (30) sena jammonta ghal sebat elef u mitejn Lira Maltin (Lm7,200). Kif gia’ qalet din il-Qorti kif preseduta m’hijex se tiehu in konsiderazzjoni ta’ konsum jew inflazzjoni ghaliex normalment dawn itendu jikkompensaw ghal xulxin.

Billi l-kawza bdiet fl-2002 ma hemmx lok ghal tnaqqis ghal hlas f’daqqa.

**Ghaldaqstant il-Qorti fil-kontumacja tal-konvenut tilqa' t-talbiet kollha tal-attur u tillikwida d-danni li sofra ghas-somma ta' sebat elef u mitejn Lira Maltin (Lm7,200) u tikkundanna ghalhekk lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma msemmija ta' sebat elef u mitejn Lira Maltin (Lm7,200) u imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mill-llum stess u bl-ispejjes kollha tal-kawza jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------